## L-Ewwel Taqsima — DAWL

# GESU' MADWAR L-GHADIRA TA' TABARIJA F'KAFARNAHUM

Il-ħabbari Iżajja, b'xeħta aktar ta' evanġelista milli ta' profeta mnebbaħ — kif qal minnu San Ġlormu — sa minn tmien mitt sena qabel kien kiteb u xandar, b'sengħa ta' storiku, fejn kellha tkun il-qalba tal-ħidma appostolika tal-Messija, fejn kellu joqgħod u minn fejn kellu joħroġ, meta kellu jwettaq l-aqwa ġrajjiet, ixandar l-ogħla tagħlim u jagħmel l-akbar għeġubijiet għall-fidwa taddinja. U jfiehem Iżajja, li dan l-imkien kellu jkun f'waħda mill-ewlenin triqat li taqsam mill-Palestina u twassal fl-Eġittu; fil-qrib mannaħa tax-xmiel fejn tibda x-xmara tal-Ġurdan fl-Għadira ta' Ġeneżaret, bejn it-truf mifrudin mill-'Via Maris', imgħammrin min-nies tat-tribù ta' Żabulon u ta' Neftali. (Iz. VIII, 23).

Iżajja ma jagħtiniex l-isem tarraħal jew belt fejn kellu jinġabar Ġesù ma' tul iż-żmien tal-ħruġ u d-dħul tal-missjoni tiegħu, imma minn kliemu nistgħu naqbdu fiż-żgur li dak l-imkien kien *Kafarnahum*.

Kafarnahum! Belt ta' siwi kbir għall-qagħda tagħha, sabiħa u għanja minħabba l-bejgħ u x-xiri tal-kotra kbira ta' għelejjel li jroddu l-għelieqi ta' madwarha maħdumin minn dirgħajn bieżla u felħana. Minn fuq ix-xtajta tal-Għadira ta' Ġeneżaret, mal-witja u 'l fuq 'il fuq, miżgħuda bi djar u vilel li jgħaxxqu, milħuqa bi triqat sbieħ sal-għoljiet ta' Korozajn, hekk, li minn hemm fuq kienet toffri dehra tassew saħħara b'dak il-baħar mifrux quddiemek mimli b'mijjiet ta' qajjiqqi, dgħajjes talqlugħ u tas-sajd u xniebek tal-ġarr minn xtajta għal oħra.

Dak imbagħad li kien ipatti għax-xogħol iebes tal-bniedem kien ir-raba' ta' madwarha, l-iżjed bil-kotra tax-xgħejr u qamħ u ġwies ieħor li kien irodd; art xemxija imfewħa mill-kotra ta' ward li fiha kien jitrabba, dejjem tħaddar u dejjem tlellex bil-ħdura tas-siġar, kienet imgħammra b'nies ta' deheb, ta' qies u ta' għaqal, li kienu wirtu minn għerf il-Griegi: Kafarnahum biż-żmien kienet saret il-belt li minnha jgħaddu kull sura ta' nies, l-imkien imsemmi għal kull bejgħ u xiri, l-iżjed minħabba l-qagħda tagħha fil-qalba mnejn minnha jgħaddu l-karwani kollha bejn Damasku, il-witja ta' Esdrelon u x-xtajtiet tal-Baħar Nofsani. Għalhekk minn kull sura ta' nies għorba, mis-Sorija, minn Sidun, minn Tiru, imħalltin ma' lhud galilin, kienu jmorru hemm, miġbudin mill-kliem ta' faraġ u mill-mirakli li kien jagħmel Ġesù ta' Nazzaret.

It-"Telonium" (uffiċċju tad-dwana) li kien hemm u li minnu jitkellmu l-Evanġelisti (Matt. IX, I.; Luq. V, 27.) jurina biżżejjed li Kafarnahum kienet il-belt qrib il-fruntiera li tifred il-Galilija mill-istati oħra tal-qrib. Ngħidu wkoll, li l-belt kienet imgħassa minn ġliba suldati rumani taħt l-amar ta' ċenturjun (Luq. VII, 2). U sewwa sew, kien iċ-ċenturjun ruman li kellu għal qalbu l-lhud, li, jew bi flusu, jew bil-ħeġġa tiegħu mat-

tetrarka Erodi Antipa, kien bnielhom is-Sinagoga li kien hemm fi żmien Ġesù.

* * *

Mhux għal sena u tnejn l-Għorrief imħarrġin fuq l-irħula, l-ibliet u l-imkini:iet l-oħra tal-Palestina ħaqqu bejniethom fuq fejn kienet tinsab il-belt ta' Kafarnahum. Dan l-aħħar iżda, fil-bidu ta' dan is-seklu, żewġ professuri, it-tnejn irhieb franġiskani, il-P. Barnabe Meistermann u l-P. Gawdenz Orfali, immexxijin fuq studji ta' għorrief oħrajn ta' qabilhom, bit-tħaffir li għamlu u bil-fdalijiet li kixfu, qatgħu kull kwistjoni u wrewna fejn tabilħaqq kienet il-belt ta' Kafarnahum.

Ngħidu wkoll, li llum l-Għorrief kollha jaqblu li l-belt ta' Kafarnahum kienet dik l-istess li kellha l-isem ta' Tel-Hum; u dan jidher sewwa u fiż-żgur, sew mit-tradizz:oni tal-post, sew mill-fdalijiet li nkixfu mill-awqa mgħallmin fl-arkeoloġija, kemm ukoll mix-xhieda li jagħtina l-kittieb lhudi Ġużeppi Flavju (De Bello Jud. III, X, 8.), u wkoll mit-tixbih ta' xi siltiet tal-Evanġelji (Mark. VI, 53; Mt. XIV, 34; Ġwann. V, 22-59).

Xejn iżda ma nafu fuq il-bidu u kif inħolqot u twaqqfet din il-belt ta' Kafarnahum jew Tel-Hum u wisq anqas nafu fuq kif inqerdet. L-ewwel u l-ewlenin xhieda li għandna li jitkellmu minn din il-belt huma l-Evanġelji Mqaddsa minħabba li Ġesù kien hemm mar jgħammar sa mill-ewwel sena tal-ħajja appostolika tiegħu, hekk li l-Evanġelista jsejħilha bħal beltu: *"Civitatem suam"*.

Aktarx li l-ħolqien, it-twaqqif u t-tiswir ta' din il-belt kien sar hekk qajl, qajl, li ħa bosta u bosta snin, imma l-kobor, il-ġmiel u l-isem tagħha ġraw l-iżjed fiż-żmien ta' Sidna Ġesù Kristu, għalkemm ukoll ħwejjeġ oħra ndaħlu sabiex minn imkien ta' waqfien għall-karwani ssir raħal, u raħal issir belt, u belt hekk imsemmija. Mill-bqija, bħal ma ġa għedna



*KAFARNAHUM*

aktar 'il fuq, swiet mhux ftit għall-mixi 'l quddiem ta' din il-belt dik il-qagħda tagħha f'waħda mill-ewlenin triqat li mis-Sorija taqsam għal ġol-Palestina u twassal għall-Eġittu; fil-qrib man-naħa tax-xmiel fejn tibda x-xmara tal-Ġurdan, fl-għadira ta' Ġeneżaret, bejn it-truf mifrudin mill-"Via Maris", imgħammrin min-nies pagani tat-tribù ta' Żabulon u ta' Neftali, u fi żmien aktar imwaħħar, fiż-żmien ta' Ġesù, dak li hija belt fl-aħħar tarf bejn l-Galilija pagana (tetrarkija ta' Erodi Antipa), u bejn il-Galawnitidi (tetrarkija ta' Filippu.

* * *

L-aqwa kobor ta' Kafarnahum u l-ogħla isem li qalgħet fuq l-ibliet l-oħra tal-Palestina huwa ġej minn Ġesù Kristu, li lilha ħatar bħala t-tieni pajjiżu. Imkeċċi Ġesù mill-pajżani tiegħu ta' Nazzaret, għażel li jmur jgħammar f'Kafarnahum, hekk li mill-istess Evanġelju dik il-belt hi magħrufa u msejħa bħala beltu (Mt. IX, I.).

U hemm tabilħaqq, minn qalb sajjieda baxxi u min-nies rozzi u ta' bla ebda għerf għażel id-dixxipli tiegħu; għas-sejħa tiegħu Xmun-Pietru u ħuh Indri, li kienu minn Betsajda tal-Galilija, dlonk telqu xbiekhom u marru miegħu (Mark I, 16-29).

U kien ukoll f'Kafarnahum, meta Ġesù tafa' għajnejh fuq Levi l-publikan u minn dwanier rgħib, ġabbar it-taxxi, għamlu Appostlu tiegħu (Mt. IV, 9.).

Imma aktar minn kollox, il-belt ta' Kafarnahum kienet l-imkien fejn Ġesù wettaq l-aqwa u l-ogħla għeġubijiet tiegħu: l-qawma minn bejn l-imwiet ta' bint Ġajru, li Ġesù raddilha l-ħajja b'daqsxejn ta' kelma li huwa qal (Mark. V, 22-24); f'Kafarnahum ukoll, iċ-Centurjun ruman, bl-aqwa stqarrija ta' twemminu u bl-umiltà kbira tiegħu, stħoqqlu jaqla' tifħir minn Ġesù għall-fidi tiegħu u flimkien il-fejqan tal-qaddej tiegħu moribond (Mt. VIII, 5).

Dawk kollha li kellhom il-mard tal-ġisem, dawk li kellhom għawġ, imrar, niket u mard tar-ruħ, l-imdejqin, il-miflugin... dawn kollha kienu jmorru għandu, jersqu lejh; fit-triq, fl-imsieraħ u fid-djar li fihom Ġesù kien jidħol biex idewwi, biex ifejjaq, biex ibierek u biex jifdi: ġlieba ta' nvasati ta' miġruħa, ta' għomja: imsejkna djar ta' fqajrin xi drabi kienu jkunu mimlijin fgati bin-nies mixteqin u mxennqin imissu biss għall-inqas djul ilbiesu. (Mark V, 25.).

Erba' reffiegħa li ma setgħux minħabba l-folla jidħlu mill-bieb taddar fejn kien Ġesù u jqegħdulu quddiemu wieħed marid mifluġ, imqanqlin minn twemminhom u minn għaqalhom, jifthu daħla mis-saqaf u jniżżlu l-marid quddiem Ġesù. Għaġeb tassew ta' Emmna u ta' għaqal! Ġesù għal dik id-dehra jħoss, jitqanqal u jfejjaq dlonk lill-mifluġ (Mat. IX, 1.).

U hemm, f'Kafarnahum, Ġesù jmur fis-Sinagoga jgħallem, bħala Mgħallem, tagħlim li bħalu qatt ma nstema', jitkellem u jagħti tagħlimu bħala bniedem ta' setgħa, ta' awtorità; mhux bħalma kienu jagħmlu l-Kittieba u l-Farisin li kienu biss itennu f'tagħlimhom għidut u tifkiriet oħra li kienu diġà għallmu r-Rabbini ta' qabilhom. Għalhekk, is-semmiegħa kollha kienu jibqgħu b'ħalqhom miftuħ għat-tagħlim ta' Ġesù; imma l-għaġeb tagħhom aktar kiber meta hemm, fl-istess Sinagoga, rawh b'qawwietu stess u f'ismu jkeċċi lid-demonju minn dak l-imsejken invasat. (Mark. I, 28.).

Fis-Sinagoga ta' Kafarnahum, ukoll, l-Imgħallem-Feddej ħabbar bi kliemu għall-ewwel darba l-misteru ta' l-Ewkaristija: wegħda u bidu tat-twaqqif ta' dak is-Sagrament ta' mħabba li fl-aħħar Ċena kellu jwaqqaf u jħalli għal dejjem fl-idejn ta' l-Appostli maħbubin tiegħu. (Ġwann. VI, 22-71).

U ħafna tagħlim ieħor, kif hu miktub fl-Evanġelisti, ta Ġesù fis-Sinagoga ta' Kafarnahum: għallem fuq is-sawm, waqt il-fatra fid-dar ta' Mattew (Mt. /X, 14-17); fuq l-umiltà, waqt li ħa tfajjel u wrieh lid-dixxipli, biex jgħallimhom kif għandhom ikunu sempliċi u umli (Mt. XVIII, 6); tkellem ukoll b'mod iebes u ta' stmerrija u ta' tmaqdir fuq il-kburija u l-ipokrisija tal-Fariżin (Mattew, XV, 1-4).

* * *

San Mattew ukoll japplika għal Kafarnahum il-profezija ta' Iżajja, li aħna tkellimna minnha aktar 'il fuq u fejn hu jibda jitħaddet fuq il-missjoni ta' Ġesù fil-Galilija; ġieh, riżq u ġid li bihom jifirħu Żabulon u Neftali għall-miġja tas-Sultan Messija (Mt. IV, 13-16).

Iżda, għajb għal dawk ta' Kafarnahum! Kemm hemm x'wieħed jit-



*Fdalijiet tas-Sinagoga ta' Kafarnahum*

għallem ukoll hawn! In-nies ta' Kafarnahum wara li kienu stagħġbu bl-akbar ħass ta' reliġjon bit-tagħlim u bl-għeġubijiet ta' Kristu, wara li ġew mimlijin bil-ġid u paxxuti bil-ħobż materjali u bit-tagħlim imqaddes ġew imqarqin mit-tagħlim tal-Kittieba u tal-Fariżin, li kienu ġew minn Ġerusalemm sabiex ifixklu x-xogħol tal-Messija. (Mt. XV, 1-10), u mogħmijin mill-kburija u mkabbrin mill-għana ta' belthom, qatgħu li joħduha kontra Kristu u tagħlimu!

Hi magħrufa iżda t-tislima qarsa li taha Kristu lil dik il-belt ingrata u mgħargħra fid-dnub qabel ma telaq għall-Galilija biex jieħu qagħditu fil-Lhudija: "U int, O Kafarnahum, li trid tgħolli rasek sas-Sema, tkun imniżżla sa qiegħ l-abbissi; għaliex jekk dawk l-għeġubijiet li saru fik kienu ġraw f'Sodoma, din kieku sal-lum kienet għadha wieqfa. U bis-sewwa kollu ngħidlek, li f'Jum il-Ħaqq eħfef ikun il-ġudizju għal Sodoma, milli għalik" (Mt. XI, 23-24)

U s-saħta ta' Kristu Ġesù ma damitx li ġiet mitmuma! Il-lum xejn ma baqa' minn dik il-belt: *Tel-Hum* hi xagħri, biss baqa' fdalijiet tal-qadima Sinagoga fejn igħammru sriep velenużi u l-Kunvent u l-Knisja tal-Irħieb Franġiskani.

## MISSJUNARJI TA' L-ART IMQADDSA LI MIETU MA' TUL IS-SENA 1965-66.

| | |
|---|---|
| 9- 8-1965: | Rev. P. Timotew Hanion, li miet f'Washington, Amerka. |
| 18- 8-1965: | Ven. Fra Girgor Huaete, tal-Provinċja ta' Cantabria, |
| 22-12-1965: | Brother Nicholas Blattmann, li miet fil-Libanon. |
| 18-12-1965: | Rev. Domenico di Marco, li miet f'Palermu, Sqallija. |
| 27-12-1965: | Brother Stanislaws Stachowiak, Pollak-Amerikan. |
| 11-;6-1966: | Brother Gabriel M. Hollywood, miet f'Ġerusalemm. |
| 1-11-1966: | Brother Henry Demko, Amerikan, li miet f'Washington. |
| 3 8-1966: | Ven. Fra Armete Correia, miet fil-Baviera. |
| 4-12-1965: | Rev. P. Cornelju Jansen, Ġermaniż, li miet fil-Brażil. |
| 15-12-1965: | Ven. Fra Emmanweli Cassar minn Għawdex, li miet hawn Malta. |
| 3- 3-1966: | Ven. Fra Raffeli Quinn, Kanadis, li miet f'Ġerusalemm. |

*Il-Mulej iagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.*

## GRAZZJA MAQLUHA

Mrs. Cardona minn Birkirkara tiżżi ħajr lill-Madonna Addolorata tal-Kalvarju għall-grazzja li qalgħet minn għandha u toffrilha ċurkett tad-deheb bi gratitudini lejha.